*-azzjoni rivendikatorja minn kompussessur*

*-integrita` tal-ġudizzju*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 30 ta' Lulju, 2020.**

**Rikors Nru. 1200/19 GM**

**Anne Cachia (ID 322753M), Monica Depasquale (ID 235150M), Louise Calleja (ID 725556M), Gillian Vella (ID 185148M), Olga Mifsud (ID 1052145M), Marie Josette Grech Ellul ID 0581639M), Maria Berta Caruana Dingli ID 686336M), Rosanne Micallef (ID 102276M) bħala mandatarja tal-assenti Lucia sive Ella Percival Maxwell, n-Nutar Joseph Saydon (ID 377746M) bħala mandatarji tal-assenti Stefan Giehel u tal-Assenti Alfred Grech Ellul, Louise Calleja ID 725556 (M), bħala mandatarja tal-assenti Anne-Louise Keeley u Elisabeth La Vierge.**

**vs**

**Francis sive Frank Sammut u martu Frances Mary Sammut**

**Direttur Uffiċċju Konġunt għal kull interess li jista jkollu**

Il-Qorti:

Ikkunsidrat:

Illi din hija sentenza  dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Direttur Generali tal-Uffiċċju Konġunt, ċjoe` li "għandu jinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju billi huwa komproprjetarju indiviż";

Illi waqt it-trattazzjoni bil-fomm, l-abbli avukat tal-istess konvenut fisser iktar fid-dettal ir-raġunijiet għal din l-eċċezzjoni.  Sostna li:

(i) għalxejn qiegħed konvenut għaliex jaderixxi kompletament mat-talbiet tal-attriċi u m'hemm l-ebda talba diretta kontrih.

(i) bħala komproprjetarji ta' sehem indiviż, l-atturi setgħu jistitwixxu waħedhom l-*actio rei vindicatoria* mingħajr il-preżenza tiegħu bħala l-komproprjetarju tas-sehem rimanenti (il-ġudizzju kien ikun integru).

(ii) bħala konvenut ma jistax iressaq talbiet.

(iii) meta ġie mdaħħal f'din il-kawża, jista' jiġi ppreġudikat bl-eventwali sentenza; filwaqt li jaqbel mat-talbiet l-oħrajn tal-atturi, it-titlu tiegħu

mhux bilfors huwa l-istess bħalma jippretendu li għandhom l-atturi; u barra minn hekk, b'mod partikolari, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tista' tolqot lill-atturi mod u lilu mod ieħor billi l-proprjeta` in kwistjoni kienet tappartjeni lill-Knisja sa ċertu data stipulata mil-liġi tal-1992 li rregolat id-devoluzzjoni tal-proprjeta` tal-Knisja favur il-Gvern (u allura kien hemm preskrizzjoni ta' 40 sena) u, wara dik id-data, il-preskrizzjoni li seta' kien hemm ma komplietx tiddekorri għaliex ma jistax ikun hemm preskrizzjoni t'artijiet tal-Gvern.

Illi l-abbli avukat difensur tal-atturi rreplikat li:

(i) il-konvenut Uffiċċju Konġunt ma riedx jaġixxi kontra l-konvenut l-ieħor.

(ii) ma ridux iħalluh barra mill-kawża imbagħad jiġu akkużati li kkonduċewha ħażin bi preġudizzju għalih;

Ikkunsidrat:

Illi l-ġurisprudenza tagħna hija diskordanti dwar jekk komproprjetarju jistax jistitwixxi azzjoni rivendikatorja kontra pussessur bla titlu mingħajr il-komparteċipazzjoni tal-komproprjetarji l-oħrajn kollha. Din il-Qorti, kif preżentement ippreseduta, f'kawża oħra[1] esprimiet ruħha **fl-affermattiv** (u hawn taqbel mal-Uffiċċju Konġunt li l-ġudizzju kien ikun xorta wieħed integru mingħajr il-preżenza tiegħu f'din il-kawża); iċċitat il-ġurisprudenza diskordanti u b'mod partikolari sentenza riċentissima tal-

[1] Francis Cutajar v. Mariano Farrugia 17.10.2019 Prim'Awla

Onorabbli Qorti tal-Appell[2] li hija waħda li ppronunzjat ruħha **fin-negattiv**. A skans ta' ripetizzjonijiet inutili, l-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza tagħha msemmija fejn hemm rassenja tal-ġurisprudenza anterjuri u d-dottrina, kif ukoll ir-raġunijiet għall-qagħda li ħadet din il-Qorti kif preżentement ippreseduta. F'sitwazzjoni inċerta bħal din, wieħed jistenna li l-atturi jieħdu pożizzjoni ta' kawtela u jdaħħlu fil-kawża l-komproprjetarji l-oħra kollha. Għalkemm jidher mal-ewwel daqqa t'għajn li l-Uffiċċju Konġunt ma riedx jaġixxi kontra l-konvenut l-ieħor, lanqas ma jirriżulta li l-atturi avviċinaw lill-Uffiċċju Konġunt biex ikun attur magħhom f'din il-kawża. Is-sentenza suċċitata tal-Onorabbli Qorti tal-Appell irrimettiet il-kawża lill-Ewwel Qorti sabiex din tikkjama fil-kawża komproprjetarji mhux imdaħħlin fil-kawża, għall-integrita` tal-ġudizzju. Huwa minnu li f'din il-kawża l-Uffiċċju Konġunt huwa konvenut u mhux imsejjaħ fil-kawża; imma dan tal-aħħar huwa ekwiparat għal konvenut u għalhekk xorta waħda jviġi l-prinċipju li l-preżenza tiegħu bħala konvenut tista' tkun meħtieġa mhux biex jiġi meħlus jew ikkundannat, imma biss għall-integrita` tal-ġudizzju. Għalhekk mhux essenzjali għall-kwalita` tiegħu ta' konvenut li jkun hemm xi talba diretta kontra tiegħu. Fil-fatt ġie mħarrek "għal kull interess li jista' jkollu";

Illi ma jfissirx lanqas li fis-sentenza eventwali f'din il-kawża jiġi kkundannat iħallas xi parti mill-ispejjeż ġudizzjarji, tiegħu inklużi;

Illi lanqas ifisser li sejjer jiġi ppreġudikat bil-preżenza tiegħu f'din il-kawża. Jekk jintlaqgħu it-talbiet – li magħhom jaderixxi pjenament – l-Uffiċċju Konġunt mhu sejjer ibati l-ebda preġudizzju. Lanqas isofri preġudizzju jekk tintlaqa' xi eċċezzjoni li tgħodd għalih ukoll, għaliex

[2] Richard England v. Joseph Muscat 29.10.2018, Onor. Qorti tal-Appell kolleġjalment komposta.

jista' jiddefendi ruħu bis-sħiħ f'din il-kawża. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tista' fis-sentenza finali tagħha tirriżerva espressament lill-Uffiċċju Konġunt kull dritt, divers minn dak tal-atturi, li jista' jkollu (*si et quatenus*) biex jilqa' għall-eċċezzjonijiet tal-konvenuti; u hekk sejra tagħmel jekk ikun il-każ, anke konformement mal-prinċipju tal-jedd fundamentali t'aċċess sħiħ għall-Qrati tagħna, li jippresupponi li l-ebda jedd m'għandu jiġi ppreġudikat permezz tal-proċeduri ġudizzjarji nfushom;

Illi in vista tas-suespost, il-Qorti tqis utli l-preżenza tal-Uffiċċju Konġunt bħala konvenut, kemm fl-interess tiegħu kif ukoll fl-interess tal-atturi, minkejja li l-imħallef sedenti bir-rispett kollu lejn l-Onorabbli Qorti tal-Appell iqis li mhix meħtieġa għall-fini ta' integrita` tal-ġudizzju – b'dan illi (il-Qorti qiegħdha tirrepeti biex tneħħi kull dubbju) s-sentenza finali m'għandha bl-ebda mod tippreġudika l-qagħda legali tal-Uffiċċju Konġunt fil-konfront tal-konvenuti l-oħrajn safejn din tkun differenti minn dik tal-atturi;

Għal dawn il-motivi, l-Qorti – salv dejjem il-premessi kunsiderazzjonijiet – tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Uffiċċju Konġunt.

Spejjeż riżervati għall-ġudizzju finali.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA